**Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu**

**Post ta' Second Secretary fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Second Secretary fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Second Secretary huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2026 huwa ta' €27,055.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €29,502.

2.3 Persuna fil-grad ta' Second Secretary titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€28,701.02 x €447.33 - €31,385) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Second Secretary fi Skala 9 tiġi promossa għall-grad ta' First Secretary fi Skala 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326) wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' Second Secretary fi Skala 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, jew wara sentejn (2) jekk fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta u xierqa fil-livell 7 tal-MQF, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' First Secretary fi Skala ta' Salarju 8, tiġi promossa għall-Skala 7 (€32,158 x €531.17 - €35,345.02) wara sentejn (2) servizz fil-grad ta' First Secretary fi Skala 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7a. Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

b. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Second Secretary jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

i. ikunu ċittadini ta' Malta;

ii. ikunu profiċjenti fil-Malti u fl-Ingliż;

iii. ikollhom Baċellerat f'livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS krettu jew ekwivalenti*) f'Diplomatic Studie jew International Relations jew Mediterranean Studies jew European Studies jew Political Science jew Commercial La jew European and Comparative Law jew Public Law jew International Law jew Geography jew History jew Orient Studies jew Philosophy jew Sociology jew Spanish & Latin American Studies jew General Law Degree jew Cultur Studies jew Communications and Interpreting Areas jew Environmental Studies jew Gender Studies jew Psychology je International Development jew Youth Studies jew Commerce and Economics Degrees jew Business Studies jew Tourisn jew Maritime Affairs jew Education jew Agriculture jew Artificial Intelligence jew Humanities jew Near Eastern Studies je Politics jew Social Studies jew Malti jew Ingliż jew kwalifika f'xi lingwa/i barranija jew xi kwalifika oħra relevanti. Ir responsabbiltà hija tal-kandidati li jippruvaw li l-kwalifiki li jħaddnu huma relatati mas-suġġetti mitluba, madankollu d-deċiżjoni finali tkun il-prerogattiva tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, liema deċiżjoni tkun suġġetta għa kontestazzjoni quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad- dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l- 2009) b'inqas minn 180 krettu tal-ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu tal-ECTS.

iv. fil-pussess ta' ċertifikat ta' 'O' level/SEC f'mill-inqas lingwa oħra minbarra l-Malti u l-Ingliż, fil-Grad 5 jew ogħla fil-ka ta' SEC, u Gradi Ċ u 4 jew ogħla fil-każ ta' Edexcel, jew fil-pussess ta' ċertifikat ekwivalenti u xieraq fil-Livell 3 tal-MQF.

**Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.**

4.2(i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali **kwalifika** fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijie applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-għażla tal-kandidati tkun f'żewġ (2) partijiet:

- L-Ewwel Parti tikkonsisti f'intervista f'żewġ (2) partijiet, diskussjoni fi grupp u intervista personali; u
- It-Tieni Parti tikkonsisti f'żewġ (2) karti tal-eżami bil-miktub.

(i) L-Ewwel Parti ġġorr il-massimu ta' 200 marka u tkun tikkonsisti:

(a) F'diskussjoni fi grupp - Il-kandidati jissejħu fi gruppi żgħar biex jipparteċipaw f'diskussjoni fi grupp fuq suġġett ta' diskussjoni partikolari magħżul bil-polza fil-preżenza tal-grupp minn numru ta' suġġetti ppreparati minn qabel iżda magħluqa f'envelops separati. (Massimu 100 marka);

(b) F'intervista personali - Il-kandidati jiġu evalwati fuq id-dispożizzjoni tagħhom lejn karriera fis-Servizz Diplomatiku. Barra minn hekk, waqt l-intervista, il-Bord tal-Għażla jittestja l-profiċjenza fil-lingwa barranija indikata mill-kandidat/a skont il-paragrafu 4.1(iv). (Massimu 100 marka).

(ii) It-Tieni Parti tikkonsisti f'żewġ (2) karti tal-eżami, kull wieħed ta' tliet (3) sigħat, fl-Ingliż u fil-Malti.

(a) L-ewwel karta - Ingliż (3 sigħat) - Sett ta' mistoqsijiet (f'forma ta' multiple choice) fuq relazzjonijiet internazzjonali u ġrajjiet kurrenti, il-kandidati jridu jippreparaw diskors bil-miktub għall-Ministru fuq suġġett magħżul mill-eżaminaturi ta' 500-550 kelma u komponiment argumentattiv ta' 600-650 kelma. (Massimu 200 marka);

(b) It-tieni karta - Malti (3 sigħat) - Traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, tqassir ta' artiklu għall-150-180 kelma u abbozzar ta' stqarrija għall-istampa ta' 300 kelma. (Massimu 200 marka).

L-eżamijiet tal-kitba ser isiru **l-Erbgħa, l-1 ta' Lulju u l-Ħamis, 2 ta' Lulju, 2026**.

Kopja tas-sillabu qed tkun mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari bħala Anness B, għall-benefiċċju tal-kandidati.

Ma jinħareġ l-ebda riżultat għall-Ewwel Parti tal-proċess. L-applikanti eliġibbli kollha se jipproċedu direttament għat-Tieni Parti tal-proċess tal-eżami. Il-marka meħtieġa biex wieħed jgħaddi f'kull wieħed mill-karti bil-miktub hija ta' 50% u kandidat irid jikseb total aggregat ta' 60% tal-marki.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

6.3 Il-marka finali miksuba matul il-proċess kollu hija stabbilita għall-60% tal-marka globali, li hija 360 minn 600 marka. L-ordni finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fl-eżami bil-miktub u fl-intervista. Fil-każ li jkun hemm kandidati li jġibu l-istess numru ta' marki, il-preċedenza tingħata skont il-proċeduri stabbiliti.

6.4 Ir-riżultat jibqa' jgħodd għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni.

6.5 L-eżami bil-miktub jitmexxa mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt l-eżami jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

6.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinsab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, wkoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

6.7 Id-Direttur tal-Eżamijiet tippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub, li jiġi esebit fuq in-noticeboard tal-Edu Servizz.gov, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Furjana, u dak taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

6.8 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat tal-eżami (i) jidher fuq il-Gazzetta tal-Gvern u (ii) jintbagħtu ukoll email u SMS ta' korteżija lill-kandidati li jkunu ssottomettew indirizz tal-email u numru tal-telefon ċellulari validi mal-applikazzjoni tagħhom.

6.9 Talbiet għar-reviżjoni ta' karti tal-eżamijiet għandhom jiġu sottomessi lid-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-avviż imsemmi f'paragrafu 6.8.

6.10 Ir-riżultat finali jiġi ppubblikat minn, u esebit fuq in-noticeboard, tal-Ministeru li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6.11 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat finali (i) jidher fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet u (ii) jintbagħat ukoll permezz ta' SMS ta' korteżija lill-kandidati li jkunu qagħdu għall-proċess tal-għażla u li jkunu ssottomettew numru tal-telefon ċellulari validu mal-applikazzjoni tagħhom.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

i. Curriculum Vitae f'format tal-Europass, kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history);

ii. kopja tal-karta tal-identità tal-applikant;

iii. kopji scanned tal-kwalifiki li jinkludu t-transcripts fejn applikabbli; u

iv. miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **l-5.15pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2026**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew jinkisbu mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, 331, Allied House, Triq San Pawl, Valletta. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru ta' kuntatt u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma www.foreign.gov.mt, (+356) 2204 3030 u recruitment.foreign@gov.mt.

Tonio Briguglio
Direttur (Servizzi Korporattivi)

Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu